MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 364/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**Vs**
**David Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Novembru, 2008, ghall-habta ta' 03.50 hrs gewwa Brown's Bar, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, hebb kontra l-persuna ta' Luca Piccirillo w Butera Teresa w ikkagunalhom offiza ta' natura hafifa skond kif iccertifikaw Dr. G. Azzopardi MD u Dr. C. Salafia Zammit mill-Isptar Mater Dei.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-Artikoli 339(1)(d) u 221 (3)(a) tal-Kap. 9, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w

ikkundannatu ghall-prigunerija ghall-perjodu ta' xahar u wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, rat l-artikolu 28A tal-Kap. 9 ordnat li l-piena ta' prigunerija nflitta tigi sospiza ghall-perjodu ta' sena.
Il-Qorti ddikjarat li fehmet lill-appellant bl-effetti ta' din is-sentenza skond il-ligi w li hu esprima ruhu li fehem l-istess spjegazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi jew alternattivament billi tikkonfermaha in kwantu hemm sejbien ta' htija w tirrevokaha in kwantu ghal pieni moghtija fil-konfront tal-appellant u minflok tghaddi sabiex timponi piena aktar ekwa w gusta skond il-ligi fil-konfront tal-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma fil-qosor is-segwenti w cioe':-
1. illi l-prosekuzzjoni naqset illi tressaq il-prova illi l-allegat incident sehh fid-data msemmija fl-akkuza w cioe' fit-2 ta' Novembru, 2008 fl-3.50 hrs stante illi l-ebda wiehed mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma ndika d-data w il-hin ta' meta sehh l-allegat incident. Fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti osservat li d-difiza tal-appellant jidher li serrhet id-difiza taghha fuq il-fatt li x-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma ssemmix verbalment id-data w il-hin tal-incident. Il-Qorti osservat ukoll li bhala parte civile l-appellant kien prezenti meta inqrat l-akkuza, kien assistit minn Avukat tieghu w li di piu' d-domandi li sarulhom kienu b'referenza ghall-imputazzjoni dedotta w issemmew fl-istess dokumenti;
2. illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti spjegat b'mod ezatti dak li rrizulta mix-xhieda prodotti b'mod partikolari Luca Piccirillo w Butera Teresa w cioe' l-lok u l-hin, izda mhux id-data. Li kieku l-Ewwel Qorti kienet konvinta mid-

data ta' meta allegatament sehh ir-reat, l-istess Qorti kienet taghmel referenza specifika ghaliha meta spjegat dak li jirrizulta mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni;
3. illi wiehed mit-tobba w cioe' dak li ezamina lil Butera Teresa ma xehedx fil-proceduri kontra l-appellant u minflok gie pprezentata biss certifikat mediku li jiddeskrivi l-griehi li allegatament sofriet Butera Teresa. Illi din il-prova kellha ssir billi jixhed it-tabib li ezamina lil Butera Teresa w filwaqt li bil-gurament tieghu jikkonferma c-certifikat mediku ppreparat minnu, jixhed dwar l-offiza ta' natura hafifa fuq l-istess Butera Teresa. Ghaldaqstant ma jistax jitqies li ngiebet il-prova l-aktar shiha w sodisfacenti. Minhabba f'hekk l-appellant ma setax jinstab hati tal-akkuzi f'dak li ghandha x'taqsam Butera Teresa;
4. illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ddikjarat li sabet htija fl-appellant tar-reat imsemmi fl-artikolu 221(3)(a) tal-Kodici Kriminali li jghodd ghal meta *"l-offiza ssir b'wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikoli 217, inkella fuq xi wahda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b)".* L-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali msemmi fl-artikolu 221(3)(a) tal-Kodici Kriminali jiddefinixxi l-piena ghal offiza gravi meta l-istess offiza gravi *"tigi maghmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv";*

Fil-kaz odjern l-appellant ma giex akkuzat li wettaq offiza gravi w mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax li fl-allegat reat sar uzu minn xi wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikolu 217. Wisq probabbli l-Ewwel Qorti riedet tapplika l-artikolu 221 (3) (b) u minnflok il-piena ta' prigunerija, tordna l-piena tal-kontravvenzjonijiet.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tas-26 ta' Novembru, 2009;

Rat il-verbal tas-26 ta' Novembru, 2009, li bih l-appellant illimita ruhu ghall-piena.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi x-xhieda mismugha minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej :-

**LUCA PICCIRILLO** xehed li hu kien ilu jaf lill-appellant fuq ix-xoghol xi xahar u kien indirettament superjur tieghu. Fit-2 ta' Novembru, 2008, waqt li kien fi stabbiliment Brown's Bar go Paceville, f' San Giljan, l-appellant mar fuqu u ghal xejn b' xejn xejjirlu daqqa taht ghajnejh tal-lemin. Wara sar jaf li kellu xi kwistjoni fuq ix-xoghol imma mhux mieghu.

**TERESA BUTERA** xehdet li kienet max-xhud precedenti tard filghaxija meta l-appellant taha daqqa ta' ponn lil Piccirillo taht ghajnejh u lilha taht ghajnejha w harab minn fuq il-post. Piccirillo kien direttur tal-LIDL fejn kien jahdem l-appellant.

**DOTTORESSA CARMEN SALAFIA ZAMMIT** ikkonfermat ic-certifikat mediku esebit li hi kienet irrilaxxjat wara li kienet ezaminat lil Piccirllo fit-2 ta Novembru, 2008, fl-4 am. fl-Ophthalmic Ward, tal-Isptar Mater Dei. Kellu nefha fuq il-wara tar-retina kagunata b' daqqa. Ikklassifikat din il-ferita bhala wahda ta' natura hafifa. Kienet kompatibbli ma daqqa ta'ponn.

L-APPELLANT ma xehedx.

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell issa huwa biss limitat ghall-piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza erogata mill-Ewwel Qorti w, kif dejjem gie ritenut, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni tal-piena, sakemm dik il-piena ma tkunx tezorbita mill-parametri tal-ligi jew ma tkunx manifestament wahda esagerata. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**" [24.4.2003] u ohrajn.)

Din il-Qorti trid tippreciza li ghalkemm l-appell gie limitat ghall-piena, mill-provi mismugha ma jirrizultax ir-reat ta' offiza hafifa w ta' ftit importanza fuq il-persuna ta' Teresa Butera ghaliex ic-certifikat mediku minnha esebit ma giex konfermat bil-gurament mit-tabib li rrilaxxjah la quddiem l-Ewwel Qorti w lanqas quddiem din il-Qorti. Ghalhekk dwar tali fertita ma ngabitx l-aqwa prova skond il-ligi. Tirrizulta pero' bla dubju ta' xejn il-kontravvenzjoni li hebb ghall-istess Butera.

Ghalkemm quddiem din il-Qorti it-Tabiba Salafia Zammit xehdet li n-natura tal-offiza fuq Piccirillo kienet wahda hafifa, l-appellant instab hati ta' offiza ta' natura hafifa w ta' importanza zghira skond l-artikolu 221 (3)(a) tal-Kap. 9. Inoltre ghalkemm ic-certifikat mediku esebit minn Teresa Butera quddiem l-Ewwel Qorti kien jiddeskrivi l-offiza sofferta minnha bhala *"slight - save complications"*, dan ic-certifikat qatt ma gie konfermat bil-gurament u ghalhekk huwa inamissibbli bhala prova. Issa offiza hafifa w ta' importanza zghira hija punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet jekk ma ssirx b' wiehed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, cioe' b' arma regolari jew jekk ma tkunx saret fuq xi wiehed mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1) (a) u (b). F' dan il-kaz zgur li ma tirrizultax li ntuzat arma regolari w il-vittma mhux wiehed mill-persuni imsemmija fl-imsemmi art. 222 (1) (a) u (b) jew 202 (h), li ghalih jirreferi l-artikolu 222.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti meta, ghal xi raguni, ddecidiet li ssib htija ta' offiza hafifa ta' ftit importanza skond l-artikolu 221 (3), ma setghetx issib htija skond is-sub sub-inciz (a) imma biss skond is-sub sub-inciz (b) u ergo ma setghetx teroga sentenza ta' prigunerija, imma biss wahda jew ta' detenzjoni, ta' ammenda jew ta' twiddiba w canfira skond l-artikolu 7 (2) tal-Kap. 9.

Kieku dan ma kienx kaz t' appell tal-persuna misjuba hatja, din il-Qorti ma kienetx tezita li tapplika l-piena tad-detenzjoni effettiva, stante li l-att aggressiv tal-appellant ma kellu ebda skuzanti w jidher li kien assolutament bla provokazzjoni w kiesah u biered, x' aktarx ghaliex l-

appellant assocja lill-vittma ma xi incident li kellu fuq il-post tax-xoghol tieghu.

Pero’, peress li din il-Qorti ma tistax izzid il-piena fuq appell tal-persuna misjuba hatja skond l-artikolu 428 (7) tal-Kap.9 u lanqas ma tista’ tinghata sentenza sospiza f’ kaz ta’ kundanna ghal **detenzjoni** ghax tali provvediment japplika biss ghall-kaz ta’ **prigunerija** skond l-artikolu 28A (1), din il-Qorti tqis li f’ dan il-kaz ghandha tinghata l-piena massima tal-ammenda skond l-artikolu 13 (1) tal-Kodici Kriminali ghall-offiza hafifa w ta’ ftit importanza subita minn Piccirillo w ghar-reat kontravvenzjonali tal-hebb kontra Butera li jirrizulta ampjament.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati ta’ offiza hafifa w ta’ ftit importanza fuq Luca Piccirillo biss b’ dan izda li – ghall-fini tal-piena – ghandu jigi applikat l-artikolu 221 (3) (b) – kompriz u involut - u mhux (a) kif fuq intqal u tal-kontravvenzjoni li hebb kontra Teresa Butera skond l-artikolu 339 (1) (d) tal-Kap. 9 w tirrevokaha fejn sabet htija ta’ offiza hafifa w ta’ ftit importanza anki fir-rigward ta’ Teresa Butera billi dwar din ma ngabitx l-ahjar prova skond il-ligi kif ukoll fejn l-appellant gie kkunndannat ghall-piena ta’ xahar prigunerija sospiza ghall-periodu ta’ sena w minnflok, a tenur tal-artikolu 17 (c) u (d) tal-Kodici Kriminali, tikkundannah ghall-piena ta’ mija w sittax il-Ewro w sitta w erbghin centezmu (€116.46c) ammenda li, jekk ma jithallsux illum stess, jigu awtomatikament konvertiti f’ ghaxart ijiem (10) detenzjoni skond l-artikolu 13 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------